# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 30 ta' Novembru 2016**

Rikors Guramentat Nru. 131 / 16RGM

Kawza fil-lista: 20

**A *sive* B C**
**vs**
**E C,**
**L-Avukat Leontine Calleja u l-Prokuratur Legali Melissa Anastasi li permezz ta' digriet datat 15 ta' Lulju 2016 gew mahtura bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti D C; u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi omm ir-rikorrent, id-defunta Agatha nee'Axisa, li mietet fil-hmistax (15) ta' Awwissu tas-sena elfejn u hdax (2011), kienet mizzewga lill-assenti D C;

2. Illi fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' April tas-sena elf, disa' mija tlieta u sebghin (1973), omm ir-rikorrent, il-mejta Agatha nee' Axisa, welldet lir-rikorrent, u stante li hija kienet mizzewga ir-rikorrent gie rregistrat fuq isem ir-ragel ta' ommu u cioe' D C;

3. Illi ghalhekk fl-att tat-twelid tar-rikorrent huwa gie indikat bhala iben D C u dan kif jirizulta mic-certifikat tat-twelid;

4. Illi matul hajjitha, omm ir-rikorrent, f'iktar minn okkazjoni wahda, tenniet lir-rikorrent li missieru huwa E C li jigi hu r-ragel ta' Agatha nee' Axisa u mhux D C; madanakollu l-esponent qatt ma seta' jipprosegwi kontra l-istess E C stante li dan jghix gewwa l-Awstralja u ghalhekk ma setghux isiru t-testijiet genetici;

5. Illi l-imsemmi E C illum jinsab gewwa Malta ghall-btala u ser jitlaq mill-Gzejjer Maltin propju fis-sbatax ta' Gunju tas-sena elfein u sittax;

6. Illi D C, illum huwa wkoll assenti minn Malta u ghalhekk jehtieg illi jinhatru kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-istess;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tahtar lil Dr Marisa Cassar jew kwalsiasi tabib iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tahtar sabiex twettaq testijiet genetici fuq ir-rikorrent u l-konvenut E C;

2. Tordna lill-konvenut E C sabiex flirnkien mar-rikorent, ai termini tal-Artikolu 70A (2) tal-Kap 16. jissottometti ruhu ghat-testijiet genetici quddiem Dr Marisa Cassar jew kwalsiasi tabib iehor li din l-Onorabbli Qorri joghgobha tahtar;

3. Konsegwentement jekk jirrizulta illi r-rikorrent huwa iben il-konvenut E C, tiddikjara u tiddeciedi illi l-istess E C huwa l-missier naturali u bijologiku tar-rikorrent u konsegwentement;

4. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaffettwa l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tar-rikorrent billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier il-minuri jigu kkancellati l-kliem "D C" u jigu sostitwiti b'isem u kunjom "E C" u tordna ukoll illi l-partikolarijiet relattivi ghall-professjoni, sengha jew stat iehor, ghall-eta', ghall-post tat-twelid u residenza, u ghal isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier il-minuri, jigu korretti kontestwalment billi jigu sostitwiti b'dawk il-partikolarijiet li sejrin jirrizultaw waqt is-smigh tal-kawza;

5. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, jaffettwa l-korrezzjoni mehtiega f'kull att iehor relattiv u sussegwenti ghal tali certifikat tat-twelid, inkluz fic-certifikat taz-zwieg tar-rikorrent;

Bl-ispejjez kontra l-intirnati li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut E C li taqra kif gej:-

1. Illi huwa mhux qed jopponi ghat-talbiet attrici;

2. Illi fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni attrici m’hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta’ agir tal-esponent u kwindi huwa m’ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

1. Illi in vena preliminari, u bla hsara ghall-premess, l-esponent jeccepixxi li huwa indispensabbli ghall-beneficcju ta' l-integrita tal-gudizzju. illi ghandhom jigu msejha kjamati fil-kawza ghal kull interess li jista jkollhom ai termini tal-Artikolu 961 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-werrieta tal-omm defunta tar-rikorrenti, cioe` l-werrieta ta' Agatha C nee' Axisa;

2. Illi preliminarjarnent ukoll l-esponent jirriliva illi ghandhom jinhatru kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti D C;

3. Illi fl-ewwel lok, l-esponent jirrileva, li din l-azzjoni hi intempestiva, stante l-fatt li gialadarba skorrew iktar minn sitt xhur mit-twelid tar-rikorrent Cannel sive B C, din l-azzjoni kellha tkun preceduta minn rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kap l6 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semghet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tal-imsemmija rikorrenti, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qortli ghal procediment tal-azzjoni odjerna;

4. Illi bla hsara ghal premess biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorent irid jipprova li taz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tieghu, ommu kellha relazzjoni extramaritali ma’ E C, u barra rninn hekk jipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici li jeskludu lir-ragel ta' omm ir-rikorrent, D C, bhala l-missier naturali tar-rikorrent, u dan ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi fl-istess waqt ir-rikorrent irid ukoll jeghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha ta' l-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement juri li l-pussess ta' stat tar-rikorrent A sive B C, ma' jaqbilx ma' l-att tat-twelid tieghu bin-numru ta' registrazzjoni progressiv elfejn mija u hamsa u ghoxrin (2125) tas-sena elf disgha rnija u tlieta u sebghin (1973);

6. Illi minghajr pregudizzju l-esponent umilment jirrileva illi gjaladarba r-rikorrent A sive B C twieled fiz-Zwieg u allura hemm il-prezunzjoni mahluqa bil-ligi senjatament mill-Artikolu 67 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-rikorrent

ghandu fit-talbiet tieghu lil din l-Onorabbli Qorti, jitlob ukoll li r-ragel ta' omm ir-rikorrent, ossia D C jigi ddikjarat li mhuwiex il-missier naturali tal-istess rikorrent;

7. Illi minghajr hsara ghas-suespost, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni dwar il-paternita' tar-rikorrent A sive B C huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji u ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partjiet kollha kkoncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 70A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi minghajr hsara ghas-suespost f'kaz li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorenti, l-esponenti tistieden lil konvenut E C sabiex jipprezenta d-dettalji personali kollha tieghu, permezz ta' nota li tispecifika senjatament (l) In-numru tal-karta tal-Identita` tieghu, (2) Ismu u kunjomu, (3) l-eta` tieghu meta twieled ir-rikorrent A sive B C, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieled 1-imsemmi rikorrent, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled ir-rikorrent. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-fuq riferit A sive B C, bin-numru ta' registrazzjoni progressiv elfejn mija u hamsa u ghoxrin (2125) tas-sena elf disgha mija u tlieta u sebghin (1973);

9. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, din l-Onorabbli Qorli ghandha tordna li jigu mnehhija l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem D Abela. senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm mill-Att tat-Twelid tar-rikorrenti bin-numru ta' registrazzjoni elfejn mija u hamsa u ghoxrin (2125) tas-sena elf disgha mija u tlieta u sebghin (1973):

10. Illi bla pregudizzju ghal premess. l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

11. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Lulju 2016, li permezz tieghu innominat lill-Avukat Leontine Calleja u lill-Prokuratur Legali Melissa Anastasi bhala kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-assenti D C.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati (fol 42) li permezz taghha eccipew:

1. F'dan l-istadju l-esponenti ma humiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri, jekk ikun il-kaz, meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-imsemmija D C minnhom rapprezentata. F'dan ir-rigward l-esponenti minn issa jitolbu lir-rikorrenti sabie tipprovdilhom kull indirizz inkluz dak ellettroniku u/jew numru tat-telephone tal-imsemmija D C sabiex ikunu jistghu jikkomunikaw mieghu.

2. Illi huwa l-attur li ghandu l-piz tal-prova u cioe` illi jrid ikun l-attur li permezz tar-rizultati tat-testijiet genetici mressqa minnu jikkonvinci lil dina l-Onorabbli Qorti illi l-allegazzjonijiet li l-istess attur qieghed jaghmel fil-konfront tal-intimat assenti huma fondati.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

4. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li hija minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-attur a fol 20, li permezz taghha pprezenta kopja tad-DNA Paternity Test Report, mill-liema jirrizulta illi effettivament missier ir-rikorrent huwa E C u mhux D C.

Rat l-affidavit ta' Dr Marisa Cassar a fol 39, li permezz tieghu ikkonfermat bil-gurament illi E C No. 025654848 huwa l-missier naturali ta' Ao C ID No 212573.

Rat in-nota ta' E C li permezz taghha pprezenta prokura specjali moghtija lill-Avukat Dr Roberta Spiteri annessa u mmarkata Dok A, kif ukoll iddikkjara l-konnotati tieghu (fol 45).

Rat in-nota tal-kuraturi deputati pprezentata fl-1 ta' Novembru 2016, li permezz taghha informaw lill-Qorti li m'ghandhomx indirizz ta' D C minnhom rapprezentat u ipprezentaw korrispondenza mal-avukat tal-attur li informathom li l-attur m'ghandu ebda ideja fejn jista' jigi ikkuntatjat D C.

Ezaminat l-atti tal-kawza.
Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**;

**L-Azzjoni**

Il-qorti ghandha quddiemha talba da parti tar-rikorrent ghall-bdil tac-certifikat tat-twelid tieghu in kwantu jikkontendi li ghalkemm huwa gie registrat bhala l-wild naturali tal-konvenut D C, ir-ragel ta' ommu, fil-verita` huwa l-wild naturali tal-konvenut E C. Ghalhekk qed jitlob lil din il-qorti sabiex tordna l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tat-twelid tieghu u atti ohra sussegwenti sabiex jirriflettu dan l-istat ta' fatt.

**Ikkunsidrat**:

Id-Direttur tar-Regitru Pubbliku issolleva preliminarjament l-eccezzjoni :-

"Illi in vena preliminari, u bla hsara ghall-premess, l-esponent jeccepixxi li huwa indispensabbli ghall-beneficcju ta' l-integrita tal-gudizzju. illi ghandhom jigu msejha kjamati fil-kawza ghal kull interess li jista jkollhom ai termini tal-Artikolu 961 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-werrieta tal-omm defunta tar-rikorrenti, cioe` l-werrieta ta' Agatha C nee' Axisa;"

Ezaminat l-Artikolu 961 tal-Kap. 16, ma jirrizultax li tali artikolu huwa applikabbli ghall-kaz in ezami.

It-tieni eccezzjoni giet sorvolata bin-nomina ta' kuraturi deputati ghall-assenti D C permezz ta' digriet tal-15 ta' Lulju 2016.

It-tielet eccezzjoni:-

"………… li din l-azzjoni hi intempestiva, stante l-fatt li gialadarba skorrew iktar minn sitt xhur mit-twelid tar-rikorrent Cannel sive B C, din l-azzjoni kellha tkun preceduta minn rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kap l6 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semghet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tal-imsemmija rikorrenti, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qortli ghal prosediment tal-azzjoni odjerna;"

12. Din l-eccezzjoni hija fondata fis-sens illi gialadarba l-attur qed jitlob bdil fl-att tat-twelid tieghu li juri wild fiz-zwieg, u mit-twelid tieghu ghaddew aktar minn sitt xhur, kien mehtieg illi qabel xejn jottjeni l-awtorizzazzjoni tal-Qorti qabel jintavola l-kawza. Fic-cirkostanzi ta' din il-kawza partikolari fejn il-konvenut E C stess qed jammetti t-talbiet attrici u fejn jirrizulta mix-xhieda tal-attur illi minn zmien ilu ommu kienet tghidlu illi missieru proprja ma kienx ir-ragel taghha izda l-konvenut E C; u a skans ta' multiplikazzjoni ta' kawzi, l-Qorti qed tikkonsidra li t-talba ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kap. 16 saret f'din il-kawza u l-Qorti qed taghti l-awtorizzazzjoni taghha sabiex l-attur ikun jista' jipprosegwi b'dawn il-proceduri. Ghall-istess ragunijiet gie sodisfatt dak senjalata

fil-hames eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn gie eccepiet illi: "…………. ir-rikorrent irid ukoll jeghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha ta' l-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement juri li l-pussess ta' stat tar-rikorrent A sive B C, ma' jaqbilx ma' l-att tat-twelid tieghu bin-numru ta' registrazzjoni progressiv elfejn mija u hamsa u ghoxrin (2125) tas-sena elf disgha rnija u tlieta u sebghin (1973)".

L-eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fir-rigward tal-ispejjez tal-kawza hija wkoll gustifikata in kwantu l-entita' pubblika ma hi bl-ebda mod responsabbli ghall-fatti li taw lok ghal din il-kawza.

**Prova tad-DNA**.

F'kawzi ta' din ix-xorta, l-aqwa prova hija l-prova xjentifika tad-DNA. Dr Marisa Cassar ikkonduciet it-testijiet tad-DNA u ccertifikat li l-attur huwa tassew l-iben bijologiku tal-konvenut E C. Tali rizultanzi ma jhallu ebda dubju li l-konvenut E C huwa missier ir-rikorrent.

Ghalhekk, it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu akkolti.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tilqa' u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku bil-mod kif hawn deciz; tilqa' t-talbiet attrici :

1. Tiddikjara illi l-missier naturali u bijologiku tal-attur A sive B C huwa l-konvenut E C u mhux il-konvenut D C;

2. Tordna li fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti attur jigi kancellat l-isem ta' D C, il-konnotati kollha tieghu u l-kelma 'the said', u minflok jitnizzlu fil-kolonna tal-missier, l-isem u kunjom ta' E C u l-konnotati kollha tieghu skont in-nota a fol 45 tal-process.

3. Tordna li jigu effettwati l-korrezzjonijiet mehtiega f'kull att iehor relattiv u sussegwenti ghal tali certifikat tat-twelid, inkluz fic-certifikat taz-zwieg tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut E C b'dan illi l-ispejjez tal-kuraturi deputati u tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attur.

**Imhallef** **Deputat Registratur**